

31998R0203

L 21/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.1.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 203/98

tas-26 Jannar 1998

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 4154/87 li jstabilixxi l-metodi ta' l-analiżi u dispożizzjonijiet oħra meħtieġa sabiex tiġi applikata l-proċedura ta' l-importazzjoni għall-oġġetti miksuba permezz ta' l-ipproċessar tal-prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2509/97⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex jiġi żgurat illi l-oġġetti bla ħsara għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93⁽³⁾ jirċievu trattament uniformi ma' l-esportazzjoni fil-Komunità kollha, għandhom jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4154/87⁽⁴⁾ li jirrigwarda kif jiġu stabbiliti l-grassijiet tal-ħalib;

Billi l-istudji u t-testijiet imwettqa mil-laboratorji responsabbli minn dawn it-testijiet jindikaw illi l-aktar proċedura approprijata hija dik stabbilita fl-Artikolu 1;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffi u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4154/87 huwa hawnhekk mibdul bit-test li ġej:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Jannar 1998.

"3. Il-Kontenut tal-grass fil-ħalib

- (a) Għajr meta pprovdut xorta oħra fil-paragrafu (b), il-kontenut tal-grass fil-ħalib skond il-piż għandu jiġi stabbilit bl-estrazzjoni tal-petroleum fin wara l-idroliżi bl-aċidu idrokloriku.
- (b) Meta xaħmijiet oħra għajr il-grassijiet tal-ħalib jiġu ddikjarati wkoll fil-kompożizzjoni ta' l-oġġetti, għandha tiġi applikata l-proċedura li ġejja:
- il-perċentwal tal-piż tal-grassijiet totali fl-oġġetti għandu jiġi stabbilit kif imsemmi fil-paragrafu (a),
 - għall-iskopijiet sabiex jiġi stabbilit il-kontenut tal-grass tal-ħalib, għandu jintuża metodu bbażat fuq l-estrazzjoni bil-petroleum fin, ippreċedut bl-idroloži bl-aċidu idrokloriku u segwit bil-kromotografija tal-gass ta' l-esteri tal-metil ta' l-aċidi xaħmin. Jekk tiġi mikxufa l-preżenza tal-grassijiet tal-ħalib, il-proporzjon tal-perċentwal ta' dan għandu jiġi kkalkolat billi jiġi mmultiplikat il-perċentwal tal-konċentrazzjoni tal-metil butirac b'25, billi jiġi mmultiplikat il-prodott bil-perċentwal totali tal-kontenut tal-grass bil-piż ta' l-oġġetti u jiġi diviż b'100."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 345, tas-16.12.1997, p. 44.

⁽³⁾ ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 392, tal-31.12.1987, p. 19.